# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI 2307

**Kaz Nru. 3172** **Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**bejn**

**Malta Union of Bank Employees (MUBE)**

**u**

**Bank of Valletta plc.**

**Dwar: ir-rikonoxximent tal-istess MUBE bhala l-Union rikonoxxuta ghall finijiet tal-ligijiet inudustrijali u senjatament bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-grad Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali.**

**Chairperson :Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)**

**Membri :Is-Sur Paul Abela u is-Sur Joshua Zammit**

**Din it-Tilwima ta' xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 25 ta' Ottubru, 2013 mibghuta mill-Onor. Dr. Helena Dalli, Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili.**

## **Rapprezentanza**

**Meta bdiet din it-Tilwima tax-Xoghol ghal-Bank of Valletta dehru Anthony Scicluna, Raymond Debattista u Odilon Scerri li kienu assistiti mill-Avv. Ian Spiteri Bailey, fil-waqt ghal-Malta Union of Bank Emplyees (MUBE) kienu raprezzentati minn William Portelli u Felix Galea li kienu assistiti mill-Avukat Pawlu Lia.**

## **Dikjarazzjoni tal-Kaz**

**Il-Bank of Valletta fid-dikjarazzjoni tal-Kaz jghid, li t-terms of remit li ghandu dan it-Tribunal jinsabu mnizzla u dikjarati fl-ittra tal-MUBE li intbghatet lill-Ministru koncernat skond l-ittra datata 17 ta' Ottubru 2013, fejn tghid "Li l-BOV ma kellu ebda jedd jibdel l-istatus quo u jirtira minghajr verifika, l-gharfien tal-MUBE bhala Union rikonoxxuta ghall-finijiet tal-Ligijiet Industrijali bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-grad Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali, tiddikjara li l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija".**

**Il-Bank of Valletta jkompli jghid fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li ghalhekk huma tnejn id-dikjarazzjonijiet li dan it-Tribunal Industrijali qed jintalab li jghamel li; fl-ewwel lok li l-Bank mitten ma kellux dritt jirtira r-rikonoxximent minghajr verifika u fit-tieni lok illi l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu il-Bank of Valletta jkompli jghid, li pertinent ghal din il-vertenza izda illi l-MUBE tonqos milli ssemmi, huwa l-artiklu 3 (Recognition & Scope) tal-Ftehim Kollettiv vigenti li jghid " The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of these categories of**

**employees if the fully paid membership of the Union should fall below 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the books of the bank".**

**Il-Bank of Valletta fl'Istqarrija tieghu jkompli jghid, li kif ser jirrizulta fil-kors tal-provi ta' dawn il-proceduri, illi l-MUBE ntalbet diversi drabi sabiex tissostanzja u tressaq evidenza, illi ghandha jew kienet tgawdi membership ta' 50%+1 ta' l-impjegati de quo, haga illi l-MUBE naqset milli taghmel anke jekk kienet konxja tal-fatt illi mill-kotba tal-Bank kien jirrizulta illi hija ma kelliex 50%+1 u konsegwentement l-Bank setgha jiskatta l-applikabilita' tal-klawsola 3 hawn fuq imsemmija.**

**Il-Bank of Valletta jkompli jghid, li l-qari ta' Klawsola 3 citata hawn fuq iwassal bilfors lit-Tribunal Industrijali jikkonkludi, li d-dritt li jirtira rikonoxximent huwa biss tal-Bank u jista jigi ezercitat unilateralment, kif ukoll li dan id-dritt jista jigi ezercitat una volta jirrizulta lill-Bank illi l-Union ma baqghetx tgawdi l-maggoranza assoluta skond il-fully paid up members.**

**Il-Bank ikompli jispjega, li gia la darba dan kien hekk jirrizulta lill-Bank intimat u minkejja talbiet u opportunitajiet lill-Union rikorrenti sabiex tipprova mod iehor, dan ma ghamlitux, allura kien legittimu l-Bank intimat li jezercita d-dritt lilu moghti bil-Ftehim Kollettiv, konsegwentament bil-kunsens ta' l-istess Union rikorrenti. Il-Bank ikompli jghid fl'Istqarrija tal-Kaz, illi talbet lill-MUBE sabiex tipprova mod iehor, u anke allura l-verifika in effetti saru ex-gratia peress illi mhux rekwizit bl'Artiklu 3 fuq citat, u ghalhekk illi l-ewwel talba kif postulata wkoll mhux in linea mal-Ftehim Kollettiv.**

**Il-Bank of Valletta jghalaq l-Istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, illi talba tal-Bank rikorrenti hija in effetti konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk jekk, kif ghandu jkun, tigi michuda l-ewwel talba, dan it-Tribunal Industrijali ghandu jghaddi sabiex jichad ukoll it-tieni talba.**

**Min naha tal-Malta Union of Bank Employees (MUBE) fl-Istqarrija tal-Kaz taghha qalet, li kienet ilha diversi snin rikonoxxuta bhala l-Union li ghandha dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-gradi Manigerjali u Klerikali, u l-Ftehim Kollettiv vigenti kien iffirmat mill-MUBE f'isem dawn il-gradi.**

**Il-Union tkompli tghid fl'Istqarrija tal-Kaz taghha li fil-31 ta' Lulju 2013, il-Bank of Valletta informa l-Union li kellu talba mill-General Workers Union biex il-bank jirrikonoxxi lillha flok l-MUBE. Il-Union tkompli tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li l-Bank infurmaha li kellu l-hsieb li jaghti rikonoxximent wahdieni lill-union li skond hu jkollha maggoranza relattiva. Il-Union tkompli tghid, li l-Bank qabel ma ghamel il-verifika mehtiega, formalment pogga lill-MUBE u lit-Taqsima Professionals, Finance & Services Section tal-GWU fuq l-istess livell. Il-Union tkompli tghid, li hija ntebhet li nformazzjoni sensittiva dwar il-membri taghha kienet waslet ghand il-GWU u dawn kienu qed javvicinaw lill-membri tal-MUBE biex igiegheluhom jitilqu mill-MUBE.**

**FL'istqarrija taghha il-Union tkompli tghid li fit-28 ta' Awissu 2013, il-BOV unilateralment u b'modd arbitrarju, iddecieda li jissospendi d-diskussjonijiet fuq Ftehim Kollettiv gdid. Il-Union tkompli tghid, li hi ma qablitx mal-mod kif il-Bank kien qed jippretendi li jaghmel il-verifika tal-membri u saru laqghat ta' konciljazzjoni li kienu imsejha minn Dr Noel Vella, li jokkupa il-kariga ta' Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali bl'ghan, li jinstab metodu accettabbli kif issir**

**il-verifika. Il-Union tkompli tghid li fis-17 ta' Settembru 2013, il-Bank of Valletta irtira l-gharfien tal-MUBE bhala l-Union li tirraprezenta l-kategorija Klerikali u Manigerjali tal-Bank u b'rizultat ta' dan tort tal-BOV fallew il-laqghat ta' konciljazzjoni.**

**Il-Malta Union of Bank Employees (MUBE) tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li kien ghalhekk il-Union talbet sabiex il-kwistjoni titressaq quddiem dan it-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi " il-BOV ma kellu ebda jedd jibdel li status quo u jirtira minghajr verifika, l-gharfien tal-MUBE bhala union rikonoxxuta ghall-finijiet tal-ligijiet industrijali bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-gradi Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali u sabiex dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija.**

## Rikors mill-GWU u Risposti mill-BOV u MUBE

**Waqt li dan it-Tribunal Industrijali kien qed jittratta din it-Tilwima tax-Xoghol fejn bdew jinstemghu l-provi minn naha tal-MUBE, l-istess Tribunal Industrijali ircieva rikors imressaq mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici ghan-nom tal-General Workers Union datat 14 ta' April 2014, fejn spjega illi din it-Tilwima segwiet il-fatt li l-Bank of Valletta irrikonoxxa lill-General Workers Union esponenti bhala l-Union li tirraprezenta lill-impjegati tieghu fil-kategoriji Klerikali u anki fil-kategoriji Manigerjali.**

**Il-GWU f'dan ir-rikors tkompli tghid illi fil-fatt, il-General Workers' Union tirraprezenta aktar minn nofs dawn il-kategoriji ta' impjegati tant, illi l-mizata dovuta lill-Union minn dawn l-impjegati bhala msiehba fl-istess Union tinqata direttament mill-paga taghhom fuq ordni taghhom stess, ghalhekk ma jista jkun hemm l-ebda dubju in vista wkoll ta' provi**

**dokumentarji, li l-maggoranza rikjesta mill-prattika industrijali sabiex il-General Workers Union tkun rikonoxxuta bhala l-Union rapprezentattiva hija fil-fatt sodisfatta.**

**Il-General Workers Union tkompli tghid fir-rikors taghha li, it-talbiet tal-MUBE f'din it-Tilwima jolqtu direttament lill-Union esponenti, eventwali decizjoni ta' dan it-Tribunal se taffetwa direttament lill-Union esponenti u ghalhekk l-interess dirett tal-General Workers Union f'dawn il-proceduri ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju fuqu.**

**F'dan ir-rikors il-GWU tkompli tghid, li jigi umilment sottomess li huwa fl-interess tal-General Workers Union li hija tiddefendi d-drittijiet taghha f'dan il-kaz peress, li ezitu favur it-talbiet tal-Malta Union of Bank Employees ser jilledi bi shih id-drittijiet tal-stess General Workers Union. Hija tghid ukoll, li l-General Workers Union esponenti tissottometti li ghandha l-interess guridiku neccessarju sabiex tkun tista tigi awtorizzata tintervjeni f'dan il-Kaz u ghaldaqstant in vista tas-suespost, il-Union titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghogobha li tawtorizza l-intervent in statu et terminis tal-Gerneral Workers Union f'dan il-kaz u tawtorizza lill-General Workers Union tipprezenta risposta taghha ghall pretensjonijiet tal-Union rikorrenti u dan taht kull provvediment iehor li dan it-Tribunal Industrijali jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi.**

**Invista tar-Rikors li ircieva t-Tribunal Industrijali minghand il-General Workers Union, dan it-Tribunal Industrijali ddecieda li jiccirkola dan ir-Rikors kemm lill-Bank of Valletta kif ukoll lill-Malta Union of Bank Employees (MUBE) sabiex jghatu ir-reazzjoni taghhom. Il-Bank of Valletta irregistra ir-risposta tieghu fit-23 ta' April 2014, fejn qal li l-Bank intimat, fil-waqt illi jsostni firmament il-posizzjoni tieghu illi d-**

**decizjoni minnhu mehuda ai termini tal-Artiklu 3 tal-Ftehim Kollettiv kienet legittima u diretta biss fil-konfront tal-MUBE, b'dana kollu jirrimetti ruhu ghad-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali fir-rigward tat-talba tal-GWU mressqa bir-rikors tieghu tal-14 ta' April 2014, sabiex hija tintervjeni in statu et terminis.**

**Permezz ta' korrispondenza datata 9 ta' Mejju 2014, Il-Malta Union of Bank Employees (MUBE) oppona ghat-talba tal-GWU. Ir-raguni li giet moghtija kienet, li l-meritu legali tal-proceduri ma kienux jikkoncernaw lill-GWU.**

**Il-Malta Union of Bank Employees qal ukoll, li t-talba li kien qed jghamel quddiem it-Tribunal Industrijali, kienet tirreferi ghar-relazzjoni li kellu mal-BOV u l-mod kif il-Bank kien bidel l-istatus quo u irtira l-gharfien tal-MUBE.**

**Il-MUBE jghid ukoll, li l-Bank kien ghamel dan minghajr ma saret verifika shiha u l-azzjoni tal-Bank kien ippregudika id-drittijiet tal-Union u tal-membri fi hdana.**

**L-MUBE jghid ukoll, li ghalkemm huwa ovvju li l-GWU jista jkollha interess, pero dan l-interss ma kienx wiehed guridiku.**

**Invista ta' dan ir-Rikors li ircieva t-Tribunal Industrijali minghand il-General Workers Union u ir-risposti minghand il-Bank of Valletta u l-Malta Union of Bank Employees (MUBE) kif citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali ghamel seduta datata l-Hamis 19 ta' Lulju, 2014, fejn stieden lill General Workers Union sabiex tispjega ir-Rikors li resqet,**

**kif ukoll it-Tribunal Industrijali sejjah lill partijiet l-ohra; kemm lill-Bank of Valletta kif ukoll lill-MUBE sabiex jelaboraw fuq ir-risposta taghhom ghar-Rikors imressaq mill-General Workers Union.**

**Meta l-partijiet deheru quddiem it-Tribunal Industrijali, l-Avukat Aron Mifsud Bonnici li ressaq ir-Rikors ghan-nom tal-General Workers Union spjega lit-Tribunal Industrijali, li l-intenzjoni tal-General Workers Union li tigi nkluza f'dan it-Tribunal Industrijali kienet ghar-raguni, li minn ezercizzju li kien sar mill-Bank of Valletta kien irrizulta li l-General Workers Union kellha maggoranza fil-gradi msemmija.**

**Dr Mifsud Bonnici qal ukoll, li kif jidher anki minn ezami li ghamel id-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali wara, li gie delegat li jghamel dan minn Tribunal Industrijali iehor li kien qed jitratta t-Tilwima ta' lil min kellhu jinghata rikonoxximent mill-Bank of Valletta, kien jidher ukoll, li l-General Workers Union kienet qed tgawdi l-maggoranza tal-haddiema tal-gradi msemmija fil-Bank of Valletta.**

**Dr Mifsud Bonnici qal ukoll, li kien qed jistenna li dan ir-rizultat jithabbar ufficjalment mit-Tribunal Industrijali li kien qed jitratta din it-Tilwima tax-Xoghol.**

**L-avukat tal-General Workers Union qal ukoll li invista ta' dawn ic-cirkustanzi, l-General Workers Union riedet li tintervejni f'din it-Tilwima tax-Xoghol bejn l-MUBE u l-BOV biex thares l-interessi taghha u tal-membri taghha.**

**Minn naha ta' l-Avukat Pawlu Lia ghan-nom tal-MUBE qal, li kienu qed joggezzjonaw ghar-rikors tal-General Workers Union ghar-raguni, li din kienet Tilwima tax-Xoghol purament li tippartjeni lill-MUBE u l-BOV u dan ghaliex il-Kuntratt tax-Xoghol ezistenti jigifieri il-Ftehim Kollettiv, kien biss bejn l-MUBE u l-BOV. Ma dan, it-Tilwima inkwestjoni titratta li l-MUBE qed tikkontendi, li meta l-Bank of Valletta b'mod unilaterali ddecieda, li jghamel ezercizzju minghajr il-kunsens ta' l-MUBE u fejn eventwalment ddecieda li ma jibqax jirrikonoxxi lill-istess Union bhala rapprezentanza ewlenija tal-gradi manigerjali u klerikali, ghamel dan bi ksur tal-Ftehim tal-Kollettiv. L-avukat Pawlu Lia qal ukoll, li l-ghan ta' dan it-Tribunal Industrijali ma kienx biex jistabilixxi minn kellu jkollu rikonoxximent ghal gradi msemmija, imma purament dan it-Tribunal Industrijali kien kostitwit biex jistabilixxi jekk il-Bank of Valletta kellux dritt li jagixxi kif agixxa u meta irtira ir-rikonoxximent ta' l-MUBE kien qed jghamel dan bi ksur tal-ligijiet u tal-Ftehim Kollettiv.**

**Dr Ian Spiteri Bailey iddikkjara quddiem it-Tribunal Industrijali, li minn naha tal-Bank of Valletta kien suggett li jsegwi d-Decizjoni ta' dan it-Tribunal Industrijali.**

**<u>DECIZJONI</u>**

**It-Tribunal Industrijali wara li ezamina d-dokumenti esebiti, kemm l-istqarrijiet tal-Kaz tal-partijiet, it-terms of reference ta' dan it-Tribunal Industrijali, ir-rikors tal-General Workers Union u risposti tal-partijiet l-ohra involuti, kif ukoll d-Dikjarazzjonijiet li saru quddiem it-Tribunal Industrijali fis-seduta li nzammet apposta biex tittratta dan ir-rikors, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni, li din it-Tilwima tax-Xoghol bejn l-Malta Union of Bank Employees (MUBE) u l-Bank of Valletta qed tittratta biss l-punt jekk l-Bank of Valletta kellux id-dritt li jirtira ir-rikonoxximent tal-Union ghal gradi Manigerjali u Klerikali u**

**meta ghamel dan ghamlux bi ksur tal-Ftehim Kollettiv. Ghalhekk, id-Decizjoni li jistgha jiehu dan it-Tribunal Industrijali f'din it-Tilwima tax-Xoghol tittratta biss punt tekniku u legali. Dan iffisser, li d-Decizjoni li jiehu dan it-Tribunal Industrijali bl'ebda modd m'ghandha taffettwa dik id-Decizjoni li jiehu dak it-Tribunal Industrijali li gie kostitwit specifikament apposta biex jistabillixxi u jiddeciedi min ghandu jgawdi l-maggoranza tal-haddiema tal-gradi imsemmija fil-Bank of Valletta.**

**Invista ta' dawn il-Kunsiderazzjonijiet imsemmija, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li jichad ir-rikors tal-General Workers Union u jiddeciedi wkoll, li din it-Tilwima tax-Xoghol ghandha tibqa bejn l-MUBE u l-BOV**

| | | |
|---|---|---|
| **ft/Harold Walls** | **ft/ Paul Abela** | **ft/Joshua Zammit** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 2 ta' Ottubru, 2014**